VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,650, 4 ta' Ottubru, 2016
Taqsima B

A.L. 314 tal-2016

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2013 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Kirurġija Dentali, ippubblikati bħala Avviż Legali 42 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2017 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 2 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"2. Meta l-għadd ta' studenti li jistgħu jidħlu fi kwalunkwe qasam ta' studju jkun limitat mis-Senat skont id-dispożizzjonijiet tal-ordinament 6 tal-Ordinamenti tal-2012 għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours), u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż l-għadd ta' postijiet disponibbli, l-għażla tal-applikanti għandha ssir skont il-kriterji mniżżla fl-ordinamenti 3 u 4 ta' dawn l-ordinamenti."

It-Tħassir tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. L-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jitħassar.

VERŻJONI ELETTRONIKA

In-Numerazzjoni mill-ġdid tal-ordinamenti 4 sa 8 tal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinamenti 4 sa 8 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 3 sa 7.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

6. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) L-applikanti għall-qasam ta' studju tal-**Iġjene Dentali** li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti għall-kors għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk li għandhom id-Diploma in Dental Surgery Assistance b'riżultat ta' Għadda b'Mertu jew aħjar
It-tieni kategorija:	dawk bi gradi 'A' sa 'E' fil-Bioloġija fil-Livell Avvanzat
It-tielet kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Bioloġija fil-Livell Intermedju
Ir-raba' kategorija:	dawk bi grad 'B' fil-Bioloġija fil-Livell Intermedju
Il-ħames kategorija:	dawk bi grad 'C' fil-Bioloġija fil-Livell Intermedju."

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tal-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. (1) L-applikanti għall-qasam ta' studju tat-**Teknoloġija Dentali** li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għad-dħul fil-kors skont kif imniżżla fl-ordinamenti tal-kors għandhom ikunu magħzula minn fost l-applikanti eliġibbli kollha skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżla fl-ordni tal-preferenza:

L-ewwel kategorija:	dawk li għandhom id-Diploma in Dental Surgery Assistance b'riżultat ta' Għadda b'Mertu jew aħjar
It-tieni kategorija:	dawk bi gradi 'A' sa 'E' fil-Kimika fil-Livell Avvanzat
It-tielet kategorija:	dawk bi grad 'A' fil-Kimika fil-Livell Intermedju
Ir-raba' kategorija:	dawk bi grad 'B' fil-Kimika fil-Livell Intermedju
Il-ħames kategorija:	dawk bi grad 'C' fil-Kimika fil-Livell Intermedju."